QALA

Ref Nru: 14

Il-minuti tal-erbtax -il laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar il-Gimgha 24 ta' Mejju 2013, fis-6:00 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tat-tlettax -il laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tal-tlettax -il laqgha tqassmu qabel, dawn gie kkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 Xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak ta' parti minn Triq Grunju.**

3.1 Is-Sindku semma li x-xoghol ta' *resurfacing* bit-tarmak ta' parti minn Triq Grunju sar. Dan ix-xoghol sar mill-Ministeru ghal Ghawdex minn fondi mill-Unjoni Ewropea. Huwa semma li mal-gnub tat-triq ser isir ic-*cement* u li dan ser isir mill-Kunsill Lokali. Huwa semma li ser jaghmel talba sabiex forsi dan ic-*cement* isir mill-Ministeru ghal Ghawdex.

**4 L-appell dwar il-propost progett f'Hondoq ir-Rummien applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 3798/02.**

4.1 Il-Vici Sindku semma li l-appell dwar il-propost progett f'Hondoq ir-Rummien, applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA 3798/02 sar. Huwa semma li jixtieq juri apprezzament lill-Avukat tal-MEPA tal-argument tieghu tant li l-bord tal-MEPA qabel mieghu. Is-Sindku semma li jixtieq juri l-apprezzament tieghu lil Vici Sindku Paul

Buttigieg f'isem il-Moviment Harsien Hondoq kif ukoll lill-Kunsill Lokali precendenti ghax-xoghol li ghamlu favur il-bajja ta' Hondoq ir-Rummien.

## 5 Programm ta' Jum il-Qala – l-maratona u attivitajiet ohra.

5.1 Is-Sindku ta spejgazzjoni tal-programm ghal Jum il-Qala 2013 li jikkonsisti f'li gej:

- Harga ghal Malta – 28 ta' Mejju 2013.
- Maratona li ser tkun organizzata minn The Gozo Greyhounds u zewg kumitati tal-maratoni tax-Xaghra u Malta – 02 ta' Gunju 2013. Is-Sindku semma li ghandhom jigu mistieden il-Ministru ghal Ghawdex l-Onorevoli Dr Anton Refalo u s-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Dr Franco Mercieca.
- Laqgha mar-residenti barranin.
- Laqgha tal-lokalita` ghar-residenti Qalin.
- Quddiesa ta' ringrazzjament.
- *Treasure Hunt*.
- *Football Tournaments*.

## 6 Progett tal-*heritage trail* taht il-mizura 313 - *European Agriculture Funds for Rural Development.*

6.1 Is-Sindku semma li huwa iltaqa` ma persuna li ghandha xi oggetti li jistghu jitpoggew fil-Muzew Folkloristiku u li bhalissa ghandu *exhibition* bihom fic-Cittadella. Il-Kunsill qabel li ghandu jixtri dawn l-oggetti. Is-Sindku semma wkoll li l-kuntrattur tal-bini tal-hitan tas-sajjieh fil-parti ta' fuq tal-*ground* tal-futbal, ghad baqalu jaghmel xi ftit xoghol iehor.

## 7 Il-*ground* tal-futbol tal-Qala.

7.1 Is-Sindku semma li l-Kuntrattur tat-tkomplija tal-gnien ta' rikreazzjoni bhalissa qed ihammel il-*ground* tal-futbol b'xejn peress li l-materjal (il-blat) ser jiehdu l-kuntrattur ghal *crusher* izda nstab li kien hemm it-torba u ghalhekk il-Kunsill ser ihallas tad-*dumping fees* biss tat-trukkijiet li nhargu bit-torba. Il-Vici Sindku Paul Buttigieg ippropona li fejn qed isir it-thammil ghandu jsir *store* ghal Kunsill peress li l-Kunsill m'ghandux *store* fejn ipoggi l-affarijiet tieghu. Is-Sindku semma li peress li dan ix-xoghol mhux inkluz fil-progett tal-*heritage trail*, ahjar li niehdu parir minghand il-Perit dwar dan sabiex ma jkunx hemm inkwiet.

**8 Hrug ta' l-offerti ghal gbir ta' l-iskart domestiku imhallat, servizz ta' *open skips*, tindif u tiknis ta' toroq u qtuh ta' haxix, servizz ta' *Projects Manager* (li jinkludi Perit u *Projects Coordinator*) ghal progett tal-*heritage trail* taht il-mizura 313 – EAFRD u l-progett ta' *embellishment* ta' Pjazza San Guzepp.**

8.1 Is-Sindku semma li ser tinhareg sejha ghall-offerti ghal gbir ta' l-iskart domestiku imhallat, servizz ta' *open skips*, tindif u tiknis ta' toroq u qtuh ta' haxix, servizz ta' *Projects Manager* (li jinkludi Perit u *Projects Coordinator*) ghal progett tal-*heritage trail* taht il-mizura 313 – EAFRD u l-progett ta' *embellishment* ta' Pjazza San Guzepp. Huwa semma li l-kuntratt tat-tindif u tiknis ta' toroq u qtuh ta' haxix kien ghadu ma skadiex imma l-kuntrattur ma kienx inaddaf kif suppost u huwa talab biex jispicca. Huwa qabel li ghandu jkompli x-xoghol sakemm il-Kunsill jaghzel kuntrattur gdid. Is-Sindku semma li l-progett ta' *embellishment* ta' Pjazza San Guzepp isir biss jekk jigi approvat t-trasferiment tas-*savings* li jkun baqa mill-progett tal-*heritage trail* taht il-mizura 313 EAFRD. Giet trattata ittra mibghuta minn Joseph Caruana *Head Paying Agency* fil-MSDEC fejn il-Kunsill nghata l-approvazzjoni ghal dan it-trasferiment ta' fondi.

**9 Permessi ghal hrug ta' mwejjed u siggijiet fi Pjazza San Guzepp u gheluq temporanju mill-vetturi ta' Pjazza San Guzepp.**

9.1 Is-Sindku semma li qed isiru l-permessi ghal hrug ta' mwejjed u siggijiet fi Pjazza San Guzepp kull meta jkun hemm xi attivita`. Huwa semma li s-siden tar-ristoranti u *bars* iddecidew li jaghmlu *barriers* puliti sabiex l-imwejjed u s-siggijiet li jkollhom fuq barra jkun protetti mill-vetturi. Huwa semma li huma ser jixtru l-materjal u x-xoghol fuqhom ser isir minn naha tal-Kunsill permezz tal-haddiema li huma assenjati mal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dwar l-gheluq temporanju mill-vetturi ta' Pjazza San Guzepp.

**10 Materji ohra.**

10.1 Is-Sindku semma gie nformat li l-applikazzjoni li kien issottometta il-Kunsill ghal fondi taht il-*European Agriculture Funds for Rural Development* mizura 410, 413.4 *Landscaping* ghal *embellishment* tal-Belvedere fi Triq iz-Zewwieqa, ser tigi accettata.

10.2 Is-Sindku semma li l-Kunsill precendenti kien ssottometta applikazzjoni ghal fondi taht il-*European Agriculture Funds for Rural Development* mizura 125 ghal pavimentar ta' toroq li jintuzaw mill-bdiewa. Huwa semma li l-Kunsill ircieva lista ta` stimi tat-toroq li kienu gew mnizzla fl-applikazzjoni imsemmija. L-ewwel prijorita` f'din il-lista hija Triq Wied Simar/Andar ix-Xaghari imma l-Kunsill iddiskuta li peress li l-istima hi gholja hafna, parti biss mit-triq tkun tista jsir u ghalhekk minn din il-lista l-Kunsill qabel li ghandha jsir Triq Barbagann. Il-Kunsill issa jrid jigbor xi firem minghand il-bdiewa.

10.3 Is-Sindku semma li nhar it-13 ta' Gunju 2013 il-Kunsill Lokali ta' Marsaskala ser igib grupp ta' nies sabiex jisimghu quddiesa fil-lokalita` tal-Qala u wara jiehdu ftit kafe` offrut mill-

Kunsill Lokali. Is-Sindku semma wkoll li gie kkuntatjat mis-Sindku ta' Marsaskala fejn semma li xi tfal minn Marsaskala ser issiefru u ghalhekk saret stedina lill-Kunsill sabiex jmorru xi tfal mill-Qala maghhom.

10.4 Is-Sindku semma li Raymond Buttigieg li joqghod '*In God We Trust'*, Triq l-Isqof Baldassare Cagliares, Qala gie assenjat mal-Kunsill Lokali. Ix-xoghol li nghata huwa sabiex jiehu hsieb ir-*roundabouts* u *traffic islands* li hawn fil-lokalita`. Is-Sindku ppropona li ghandu jinbiegh il-mohriet il-kbir li ghandu l-Kunsill sabiex jinxtara wiehed zghir sabiex jintuza f'dawn ir-*roundabouts/traffic islands.* Il-Kunsill qabel li l-mohriet il-kbir ghandu jibqa` peress illi dak kien inxtara sabiex isir ix-xoghol bih fi 'Gnien il-Hajja' u fil-kaz naraw ftit ghal mohriet zghir.

10.5 Is-Sindku semma li ser jigi mqabbad inginier sabiex jaghmel rapport dwar il-pannelli *photovoltaic* li hemm fi 'Gnien il-Hajja' li mhumiex jahdmu sewwa fejn imbaghad wara dan ir-rapport jinbghat lill-Alberta il-kumpanija li provdiet u installat dawn il-pannelli. Huwa semma wkoll li l-Kunsill ircieva r-rizultat dwar it-*test* tal-*meter* tad-dawl li hemm fi 'Gnien il-Familja' u nstab li kollox huwa tajjeb. Il-Vici Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill ghandu jqabbad xi *inginier* li huwa independenti biex jaghmel *inspection* huwa fuq il-konsum tad-dawl ta' dan il-gnien. Il-Kunsill qabel ma dan.

10.6 Il-Vici Sindku semma li huwa gie avvicinat minn persuna li jixtieq jarma *kiosk* f'Hondoq ir-Rummien sabiex il-Kunsill jaghtih in-*no objection.* Il-Kunsill iddecida li qabel ma jaghti n-*no objection* dan l-ewwel irid igib il-permessi mehtiega tal-*kiosk*.

10.7 Il-Kunsillier Jesmond Borg issuggerixxa li ghandha jsir talba sabiex it-trasport pubbliku jibda jinzel fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien.

10.8 Is-Segretarja Ezekuttiva qrat l-iskedi tal-hlasijiet bir-referenzi SP 1/2013 u SP 2/2013. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni ghall-kontijiet mnizzlin f'dawn l-iskedi. Ghalhekk dawn l-iskedi gew approvati unanimament.

10.9 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mis-27 t' April 2013 sal-24 ta' Mejju 2013 minn referenza numru 74/13 sa referenza numru 85/13 (registru tal-ilmenti ohra) u minn referenza numru 10/2013 sa referenza numru 12/2013 (registru tal-ilmenti xoghlijiet).

11 **Korrispondenza.**

11.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

11.2 Ittra mibghuta minn David Soler Ufficcjal Awtorizzat tal-Kumitat Kongunt ghal Ghawdex dwar diversi proceduri li jridu jigu finalizzati peress li l-Kumitat Kongunt ser jispicca mill-operat tieghu.

11.3 Kopja tal-korrispondenza li ghaddiet bejn il-Kunsill Lokali u Din L-Art Helwa dwar il-Fortizza ta' Sant Antnin datati 19 t'April 2013 u t-30 t'April 2013.

11.4 Kopja ta' *Planning Control Application* bin-numru PC 009/13 mibghuta minn Mandy Camilleri *Personal Assistant* fil-MEPA ta' Mario Grech '*Ruby*', Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni ghal din l-applikazzjoni.

11.5 Ittra mibghut minn Fr Charles Buttigieg fejn ressaq nomina ghal Gieh il-Qala 2013 sabiex dan il-premju jinghata lil Dun Karm Xerri li ilu hamsin sena kappillan ta' Kemmuna. Il-Kunsill qabel li din il-korrispondenza ghandha tigi trattata x'hin il-Kunsill ikun ser jiddiskuti din il-materja.

11.6 Ittra mibghuta minn Tanya Mercieca *Asst. Auditor General* minn *National Audit Office* fejn anness ma din l-ittra ntbghat kopja ta' l-*audit report* u l-*financial statements* kif ukoll il-*management letter* ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-31 ta' Dicembru 2012.

Il-laqgha ntemmet fit-8:30 ta' filghaxija. Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar it-Tnejn 1 ta' Lulju 2013.

Clint Camilleri
Sindku

Marcia Borg
Segretarja Ezekuttiva